**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 18 ta' Ottubru, 2017

Rikors Nru : 116/17 AL

Ab
Vs
cd

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu nhar id-disa` (9) ta' Awwissu tas-sena elf disa mija u sitta u tmenin (1986).

Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xuxlin sa mid-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u sitta (2006), u dana permezz ta' kuntratt redatt min-nutar pubbliku Dr. Elena Farrugia LL.D., kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok. GS 1.

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi ilhom separati sa mill-elfejn u sitta (2006), huma ormai ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin.

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenuta u lanqas ma hemm manteniment pagabbli ghat-trobbija tal-ulied stante li l-unika wild li ghandhom bejniethom il-partijiet illum huwa maggorenni.

Talab prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Marzu, 2017;

Semghet lill-intimata tiddikjara li ma ghandha l-ebda oggezzjoni li jinlaqghu it-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti rnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment  separati mid-19 ta' Lulju, 2006;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur